MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 362/2010

Kawza fil-lista: 25

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li jaqra bil-mod segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fl-16 ta' Marzu 1991, u minn din l-ghaqda kellhom zewg ulied Kai B li ghandu hmistax il-sena u Neil B li ghandu sbatax il-sena;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ghalhekk ma ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenuta u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta fil-konfront tal-attur, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-attur ottjena d-debita awtorizazzjoni tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex ikun jista' jipprocedi b'din l-istess istanza.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta.

2. Tapplika kontra l-konvenuta, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tiddikjara li l-propjeta kollha immobbli u kif ukoll izda mhux biss ii-fond numru 25 Triq iz-Zragen Attard b'zewg garaxxijiet sottostanti ghalih, huma porpjeta parafernali tar-ragel ir-rikorrenti u jigi ordnat li huwa jghix fl-imsemmija propjeta ad eskluzjoni ta' martu l-konvenuta;

6. Tordna illi l-partijiet konguntivament ikollhom l-kura u kustodja taz-zewg minuri Kai u Neil ahwa B u li fin-nuqqas li jkun hemm iffissat access adegwat versu r-rikorrenti;

7. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni parafernali kollha tieghu u tordna illi l-attur jigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.

8. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti taqbel li nhar is-16 ta' Marzu 1991, gie kkuntrattat zwieg bejnha u bejn l-attur A B u frott ta' dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, Neil u Kai B li t-tnejn li huma ghadhom minuri;

2. Illi l-esponenti taqbel ukoll li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli izda dan ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attur, senjatament minhabba eccessi, mohqrija, ingurji gravi u vjolenza fizika u psikologika kommessi mill-attur kemm fil-konfront ta' l-istess esponenti kif ukoll versu wliedhom u dan kif ser jigi pruvat aktar 'il quddiem fil-mori ta' din il-kawza ghalhekk ma ghandhom bl-ebda mod jigu applikati d-disposizzjonijeit ta' l-artikolu 48 et seq fil-konfront taghha anzi pjuttost ghandhom japplikaw fil-konfront tal-attur kif qed jigi mitlub fil-kontro-talba;

3. Illi l-esponenti tirrifjuta u tichad kwalunkwe allegazzjoni t'adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi da parti taghha fil-konfront ta' l-attur bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi pruvat aktar 'il quddiem fil-mori ta' din il-kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u stante l-agir abbusiv ta' l-attur li ser jigi pruvat fil-mori ta' din il-kawza kemm fuq martu kif ukoll fuq uliedu, kif ukoll in vista tal-fatt li filwaqt li l-attur ghandu proprjeta ohra fejn jista' jghix filwaqt li l-esponenti ghandha biss id-dar matrimonjali, l-esponenti ghandha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali, u cioe' fid-dar li ggib l-indirizz 25, Triq iz-Zragen Attard flimkien ma' l-ulied ad eskluzjoni ta' l-istess attur;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur ilu li kiser kull relazzjoni ma' l-ulied, u dan anke minhabba atti ta' vjolenza li huwa kkommetta fil-konfront ta' l-istess ulied u li dwarhom gew intavolati rapporti mal-Pulizija, u ghalhekk,zgur li ma jkunx fl-ahjar interessi

tal-minuri Ii l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri tigi fdata f'idejn iz-zewg partijiet izda ghandha tkun fdata f'idejn l-istess esponenti biss;

6. Illi l-esponenti ghandha dritt ghall-proprjeta' fuq id-dar matrimonjali, kreditu fuq l-istess dar matrimonjali, kif ukoll fuq il-mobbli kontenuti fl-istess u ghalhekk il-hames talba tal-attur hija kontestata;

7. Illi l-esponenti ghalhekk m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza;

8. Illi l-esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha minn din il-kawza biex taghmel il-kontro-talba taghha;

9. Illi salv ghal dak li qed jintalab fil-kontro-talba, t-talbiet kollha ta' l-attur ghandhom jigu lkoll michuda bl-ispejjez kontra tieghu b'eccezzjoni ghad-dikjarazzjoni ta' separaz ioni personali bejn il-partijiet b'tortijiet unikament imputabbli lill-istess attur."[1]

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta:-

1. Illi l-partijiet fl-ismijiet premessi izzewwgu nhar is-16 ta' Marzu tas-sena 1991 u frott ta' dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, Neil ta' sbatax-il sena u Kai ta' hmistax-il sena li t-tnejn li huma ghadhom minuri;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-attur rikonvenzjonat, fosthom eccessi, mohqrija, ingurji gravi u vjolenza fizika u psikologika kommessi b'mod kontinwu mill-istess attur rikonvenzjonat fuq l-esponenti u uliedha u dan kif ser jigi pruvat aktar 'il quddiem fil-mori ta' din il-kawza;

3. Illi apparti l-agir abbusiv fiziku l-esponenti temfasizza li l-attur rikonvenzjonat huwa hati ta' agir abbusiv morali fil-konfront ta' l-esponenti u ta' uliedha li wassal lill-istess sabiex jghixu f'hajja ta' biza u dwejjaq iddettata mill-istess attur, ghall-liema hajja l-esponenti wara bosta snin ma felhitx aktar u malli ddeciediet li hija haqqa hafna aktar minn hekk f'hajjitha l-attur rikonvenzjonat beda jallega xi tortijiet fuq l-esponneti fosthom aduiterju li hija tichad b'mod kategoriku;

[1] Fol. 13

4. Illi l-istess attur rikonvenzjonat inhareg mid-dar matrimonjali permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament ippreseduta sabiex l-esponenti u wliedha jiehdu ftit tan-nifs mill-kontroll u l-abbuz ta' 1-attur rikonvenzjonat izda dan ta' l-ahhar sfida l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti u mar jghix fil-garaxx formanti parti mid-dar matrimonjali u b'access dirett ghall-istess dar bir-rizultat u l-istess esponenti u wliedha xorta baqghu imbezzghin, mhedda u taht il-kontroll assolut ta' l-attur rikonvenzjonat;

5. Illi l-esponenti ghandha dritt ta' proprjeta' fuq id-dar matrimonjali, kreditu fuq l-istess, kif ukoll dritt fuq il-proprjeta' mobbli li tinsab gewwa fiha bhala lkoll formanti parti mill-proprjeta' komuni ta' bejn il-partijiet;

6. Illi formanti parti mill-komonjoni ta' l-akkwisti hemm ukoll bosta assigurazzjonijiet li jsejjhu l-partijiet, kifukoll ishma fil-Kumpanija li topera 1-hanut tal-laham li fih jahdem l-attur flimkien ma' huh u ghalhekk l-esponenti ghandha dritt ghas-sehem taghha fuq l-istess;

7. Illi l-esponenti ssostni li hija ghandha dritt li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali flimkien m'uliedha ad eskluzjoni ta' l-attur rikonvenzjonat kemm in vista tal-fatt li l-attur ghandu post alternattiv fejn jghix filwaqt li l-esponenti ma ghandhiex u dan anke fl-ahjar interessi tal-minuri sabiex ma jkomplux jigu esposti ghall-kontroll u x-xenati ta' l-attur rikonvenzjonat missierhom;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur rikonvenzjonat ilu li kiser kull relazzjoni ma' l-ulied, u dan anke minhabba atti ta' vjolenza li huwa kkommetta fil-konfront ta' l-istess ulied u li dwarhom gew intavolati rapporti mal-Pulizija, u ghalhekk,zgur li ma jkunx fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri tigi fdata f'idejn iz-zewg partijiet izda ghandha tkun fdata f'idejn l-istess esponenti;

9. Illi l-esponenti rnhux qed ihallas manteniment idoneu ghal martu u lanqas ghal uliedu minuri.

10. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex jipprocedu bil-proceduri odjerni;

Jghid ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ghaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-attur rikonvenzjonat u tawtorizza lill-istess partijiet jghixu separatament;

2. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat, interament jew in parti, d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat mill-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. Tawtorizza u tiddikjara li l-esponenti ghandha dritt tibqa' tghix fid-dar matrimonjali u cioe' fil-fond li jgib l-indirizz 25, Triq iz-Zragen Attard flimkien ma' l-ulied Neil u Kai B ad eskluzjoni ta' l-attur rikonvenzjonat zewgha u konsegwentement tawtorizza lill-istess esponenti sabiex tbiddel is-serraturi relattivi ma' dan l-istess fond;

6. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Neil u Kai B unikament f'idejn 1-esponenti;

7. Tiffissa u tillikwida manteniment favur l-esponenti u uliedha liema ordni ghandha wkoll tinkludi l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri;

8. Tordna lill-attur rikonvenzjonat ihallas il-manteniment hekk iffissat permezz ta' standing order li jidhol f'kont bankarju indikat mill-istess esponenti f'data specifika kull xahar;

9. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut iddekada mid-dritt tieghu ta' manteniment;

10. Tillikwida l-assi parafernali ta' l-esponenti rikonvenzjonanti C B u tassenja l-istess assi lill-esponenti;

11. Tawtorizza lill-esponenti C B tirriverti ghal kunjomha xebba "Cremona";[2]

---

[2] Fol. 17

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta:-

Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi pronunzjata separazzjoni personali b'dana illi tali separazzjoni sehhet minhabba li l-mara kkomettiet adulteru ma' terzi. Illi ghalhekk isegwi li t-talbiet kif postulati mill-konvenuta fil-kontro-talba taghha ghandhom jigu michuda u jigu akkolti biss it-talbiet li ghamel l-eccipjenti fir-rikors guramentat tieghu;

Illi l-esponenti ma' ghandux ghalfejn ihallas manteniment ghal mara u dana peress li hija ghandha impieg fiss u inoltre stante l-adulteru tal-mara anqas ma' ghandha tircievi hlas;

Illi il-fond indikat fit-talba numru hamsa (5) tal-kontro-talba huwa parafernali tar-ragel u ghalhekk mhux il-kaz li l-mara tibqa' tabita fil-post odjern.

Illi l-provvedimenti tal-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom japplikaw kontra l-mara.”[3]

Rat ix-xhieda imressqa miz-zewg partijiet.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur.[4]

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuta.[5]

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

---

[3] Fol. 27
[4] Fol. 305
[5] Fol. 311

Ikkunsidrat.

**Provi dwar it-Tkissir taz-Zwieg.**

**Verzjoni tal-Attur.**

Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li l-problemi matrimonjali bdew xi hames snin qabel fetah il-kawza ghaliex skond hu martu "hakmitha 'depression' u dejjem bdiet tohloqli diffikultajiet bhal per ezempju ma rieditx li jiena nkompli nrabbi l-fniek, ma ridietx li jiena mmur l-ghalqa u affarijiet simili."[6] Jghid illi kienet bdiet tiehu l-kura medika ghal din il-kondizzjoni u jirrakkonta episodju fejn jghid li kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenuta hadet kwantita' ta' pilloli u kellha tigi rikoverata l-isptar. Raguni ohra ghat-tkissir taz-zwieg li jaghti l-attur huwa li jakkuzha b'adulterju u kunfidenzi zejda ma' certu George Catania. Jghid li kienu jqattghu sieghat twal jitkellmu fuq it-telefon u f'okkazzjoni minnhom il-konvenuta tghid lil dan George Catania – "ejja ha nigi ntik wahda".

L-attur jirrakkonta kif hu u martu saru jafu lil dan George Catania u l-mara tieghu. L-attur ghandu flimkien ma' huh hanut tal-laham filwaqt li dan George Catania huwa rahhal u jrabbi it-tigieg ghal qatla. Jghid hekk:-

"Illi problema ohra li wasslet ghat-tifrik taz-zwieg kienet li ahna ghamilna hbieb ma' koppja jisimhom George u Maria Catania mill-Mellieha. Dina l-koppja suppost li x-xoghol taghhom huma ta' rahhala u huwa fost attivitajiet ohra jrabbi it-tigieg ghal qatla. Inoltre dana George Catania ghandu attivita' ohra ta' bejgh ta' sigaretti bla dazju u naf li huwa kien ibiegh sigaretti lill-mara tieghi biex hija tbiegh minnhom fil-hwienet. Jiena kont naf b'dina l-attivita' u qatt ma' ndhalt, izda ma' kontx kuntent li hija qed taghmel dina l-haga u kemm il-darba kont nghidilha biex toqghod attenta. Nghid ukoll li mill-qliegh ta' dawn is-sigarretti jiena qatt ma' hadt xejn u l-mara dejjem zammet il-qliegh hija. Nghid li ahna bdejna nohorgu flimkien ma' dina 1-koppja u konna morru nieklu l-aktar il-gimgha filghaxija. Mhux l-ewwel darba li waqt l-ikel marti u dana George kienu johorgu wehidhom ipejpu cigarett fejn kienu jaghmlu kull darba xi kwarta hemm. Ghal bidu ma' kontx naghti kaz, izda darba minhom martu Maria Catania kienet ilmentat li hija ma' kienitx kuntenta bis-sitwazzjoni ghaliex bdiet tinnota hafna kunfidenza bejn zewgha u marti. Jiena kont qbilt maghha izda ma' kont ghamilt xejn peress li dina Maria Catania kienet qalet xi haga lil marti u dawn tlewmu bejniethom. Minn

[6] Fol. 101

dakinhar 'l hemm ahna suppost ma' ltqajniex aktar mal-koppja Catania izda llum li marti baqghet tkellem lil George Catania bil-mohbi tieghi u bil-mohbi ta' martu;

Illi rrid nispjega li minhabba li jiena baqghet torokni ghajnejja, jiena kont xtrajt apparat minghand Delia ta' Birkirkara sabiex inqabdu mal-linja tat-telephone tad-dar, sabiex nisma lil mara tieghi xi tkun qed tghid fuq it-telephone. Illi bdejt nirrikordja izda ma' kontx noqghod nisma' dak li nkun qed nirrikordja. Illi pero' dan 1-ahhar meta zdiet l-inkwiet bejnietna jiena qadt nisma' l-konversazzjonijiet li marti kien qed ikollha ma' dana George Catania. Illi nghid li minn dak li smajt jirrizulta li marti kull nhar ta' Sibt filghodu kienet tiltaqa' ma' George Catania taparsi biex tixtri s-sigarretti minghandu. Illi id-diskors kien ikun u dawn ser jigu esebiti f'dawn l-atti, intimu bejn Catania u marti u f'okkazzjoni minnhom anke vulgari. Kliem bhal il-lejla niltaqghu ha ntik wahda imbaghad nigi filghodu ... ' jinstema kjarament jinghad fuq it-telefonati. Illi ghalhekk kien ovvju ghalija li l-inkwiet bejni u bejn marti kien qed jinqala ghalkiex hija kienet qed tara ragel iehor."

**Verzjoni tal-Konvenuta**.

Fl-affidavit taghha l-konvenuta tghid li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser principalment peress li wara t-twelid tat-tieni wild tal-partijiet l-attur sar possessiv fuqha u beda jissuspetta li ma kenitx fidila lejh. Tghid illi l-attur minflok ma ffacja lill-konvenuta fuq dawn is-suspetti tieghu beda jirrekordja it-telefonati kollha li kienu qed isiru minn fuq it-telefon fiss tad-dar kif ukoll konversazzjonijiet ohra li jsiru gewwa d-dar bil-mohbi taghha u taz-zewg ulied. Jirrizulta li dan dam ghaddej bil-mohbi tal-konvenuta u taz-zewg ulied ghal madwar sitt snin sakemm f'okkazzjoni minnhom wiehed mit-tfal tal-partijiet induna li fil-but l-attur kellu apparat li jirrekordja.

Dwar l-akkuza tal-attur li hija ikkommettiet adulterju ma' certu George Catania, l-konvenuta tichad illi hija qatt kienet infidila lejn zewgha. Taghti spjegazzjoni dettaljata tal-frazi li intuzat waqt wahda mit-telefonati rekordjati li l-attur qed jirreferi ghaliha bhala l-prova tal-adulterju. Xhedet hekk:-

"Irrid nghid illi mindu kellna lil Kai, stajt ninnota illi zewgi kien inbidel hafna fil-komportamenti tieghu lejja u cioe' kien beda isir possessiv u dejjem jissuspetta hazin fija illi qieghed ikolli wicc haddiehor. Waqt seduta ricenti quddiem l-Assistant Gudizzjarju

Dr.Kenneth Gulia gie pprezentat CD minghand zewgi fejn fih huwa irrekordja telefonata li saret bejni u s-Sur George Catania.

Milli nista niftakar, jien kont cempilt lil George habba illi l-karozza kienet orrajt u cioe, nispejga ahjar, jien kont insuq karozza tat-tip Peugout 106 u kien grala l-hsara ghax kont hbat. Sakemm kienu saru it- tiswijiet, l-insurance tawni karozza ohra tal-kiri biex ninqeda biha u li din ridt immur ghaliha ir-Rabat.

Niftakar illi zewgi kien qabbad lil George biex iwassalni hu r-Rabat sabiex nigbor il-karozza li kienu ha jghadduli l-insurance u dan minhabba illi zewgi ma kienx ha jlahhaq imur ghax-xoghol. Nghid li zewgi kien qabbad lil George biex iwassalni propju ghaliex jiena, zewgi, George u t-tfal konna kollha il-Marsa ghand tal-Go mobile biex naghmlu kuntratt gdid fuq linja tal-mobile. Dan ha process twil u peress li lahaq ghadda hafna hin, zewgi kien sarlu l-hin biex jitlaq ghax-xoghol u ghalhekk kien qal lil George biex jaghmlilna pjacir ujwassalni wahdu hu sal-karozza gewwa r-Rabat. George kien prezenti maghna ghand tal-Go ghaliex kien huwa stess illi introducina ma' rapprezentanti tal-Go sabiex nahgmlu uzu minn offerta li kienet qieghda tigi offruta minnhom dik il-habta.

Meta jiena qieghda ninstema fic-cd nitkellem ma' George, dak il-hin kienu ghaddew xi siegha jew saghtejn wara li kien wassalni r-Rabat George. Jien cemplitlu biex nghidlu li l-karozza orrajt u cioe ghaliex jien qatt ma kont soqt karozza ohra barra tieghi stess il-Peugout u kont ecitata hafna li ma jigri xejn hazin waqt li kont ha nibda nsuqha lejn d-dar.

Jien cempilt lil George Catania minhabba li meta kien wassalni ghal karozza u rajt li kienet wahda iktar gdida milli kelli kont ghidtlu li bdejt nibza nsuqha allura kif wasalt lura d-dar, bhal cempiltlu biex ngharrfu li kollox kien sew u ghal xejn iktar.

Fil-fatt mhux lil George biss jien kont cempilt imma anka lil mara tieghu u lil zewgi ukoll u dan dakinhar stess kif wasalt lura d dar bil-karozza l-gdida, Pero’ izda dan, zewgi ma gabx *recording* tieghu ghax forsi ma jaqbillux biex ikompli izejjen l-istorja tieghu dwari li jien seta kelli xi relazzjoni ma’ Geroge meta dan qatt ma sehh u lanqas kelli intenzjoni li xi darba jkolli xi forma ta' relazzjoni ohra ghajr dik ta’ hbiberija li fil-fatt kelli u li ma kintix mieghu biss izda anka ma' martu u ma' uliedu.

Sadanittant it-telefonata milli stajt anke nisma mic-CD, saret fil-fatt quddiem t-tifel tieghi Kai u ma biddilt l-ebda ton jew baxxejt lehni biex nahbi xi diskors rnit-tifel halli ma jifihmx xi jkun qieghed jinghad.

Ma nistax nifhem x'kien hemm hazin fid-diskors li inghad bejni u George li instema fic-cd u ghala zewgi kellu jigbed l-attenzjoni tal-infedelta tieghi proprju fuq dina d-diskorsata tieghi ma' George.”

Tghid li zewgha qatt ma gibdilha l-attenzjoni dwar xi kunfidenzi zejda li hu jallega li kien qed jara. Tispjega illi wara dik it-telefonata li minnha qed jislet l-adulterju l-attur, xorta wahda l-attur baqa’ jibghat lil dan George Catania id-dar taghhom sabiex jigbor xi laham li l-attur stess kien ihalli fil-*freezer* tad-dar tal-partijiet. Il-konvenuta tesprimi r-rabja taghha illi meta l-attur kien beda jissuspetta fiha, minflok kellimha dwar is-suspetti tieghu ghamel sitt snin shah jirrekordja lilha u lit-tfal bil-mohbi taghhom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

L-attur istitwixxa l-kawza odjerna u qed jitlob li l-Qorti issib lill-konvenuta unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg taghhom principalemnt fuq zewg premessi:- (1) illi l-konvenuta waqghet f’’depression’ u (2) illi l-konvenuta ikkommettiet adulterju ma’ u kellha kunfidenzi zejda ma’ certu George Catania.

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi l-partijiet bhala koppja u dan George Catania u martu kienu fiz-zmien hbieb sew tant li ghal zmien konsiderevoli regolarment kienu bhala zewg koppji johorgu flimkien. L-attur jiggestixxi hanut tal-lahem flimkien ma’ huh filwaqt li dan George Catania huwa rahhal u jrabbi t-tigieg ghall-qatla. Il-Qorti fehemet illi bejn l-attur u George Catania kien ghaddej negozju ta’ bejgh u xiri ta’ tigieg li pero’ sew l-attur kif ukoll dan George Catania fit-testimonjanzi rispettivi taghhom baqghu xi ftit jew wisq neboluzi dwar ir-relazzjoni kummercjali ta’ bejniethom Min-naha tieghu l-attur jallega illi l-konvenuta ma’ dan George Catania kienet qed tmexxi negozju ta’ bejgh ta’ sigarretti bla dazju. Anke hawn it-testimonjanza ta’ l-attur ma tantx ghandha valur probatorju ghaliex ma hi sostnuti bl-ebda prova ohra. Anzi jghid li f’dan ir-rigward lill-konvenuta kien ihalliha fil-liberta’ kollha u ma kienx jindahlilha.

Il-Qorti mhiex ser tiddilunga wisq fuq dan l-aspett tal-hajja tal-partijiet. Jidher fuq bazi ta' probabilita' illi sew in-negozju tal-attur kif ukoll l-attivita' kummercjali tal-konvenuta ma kienux in regola u kien ghalhekk illi z-zewg partijiet baqghu 'il boghod milli jressqu provi sodisfacenti fir-rigward. Ezami taz-zewg noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet juri illi la l-attur ma qed jivvanta xi pretensjoni konta l-konvenuta dwar l-allegat negozju taghha u lanqas il-konvenuta ma qed tivvanta xi pretensjoni fir-rigward tan-negozju tal-attur. Hadd mill-partijiet la pprezenta u lanqas talab li jigu prezentati l-accounts tan-negozju tal-attur, il-minimu li wiehed jistenna bhala prova f'cirkostanzi kongruwi.

Ikkunsidrat.

Huwa inaccettabbli u kundannabbli l-agir tal-attur illi ghal sitt snin shah klandestinament jirrekordja konversazzjonijiet telefonici ta' martu bl-iskop li jkollu l-prova regina dwar l-allegazzjoni tieghu li kellha relazzjoni adultera ma' dan George Catania. F'dawn il-proceduri l-attur ghamel ghazla. Istitwixxa kawza fuq il-pretest illi l-konvenuta ikkommettiet adulterju. Ir-recording tal-frazi li fuqha qed iserrah l-attur certament illi wahedha ma tammontax ghal xi prova ta' adulterju. Aktar u aktar konsidrat l-ispjegazzjoni li l-konvenuta tat fix-xhieda taghha fir-rigward.

Il-Qorti mhiex temmen lill-attur illi huwa ghamel sitt snin jirrekordja il-konversazzjonijiet telefonici tal-konvenuta minghajr ma jismaghhom u kien biss ftit qabel ma fetah il-kawza li qaghad jismaghhom. Stqarrija din li m'ghandiex mill-verita' tenut kont l-ossessjoni tal-attur fir-rigward tas-suspetti tieghu. L-agir tieghu ghamel hsara kbira wkoll liz-zewg ulied tal-partijiet illi wara snin jigu rekordjati bil-mohbi skoprew x'kien qed jaghmel missierhom.. Wiehed minnhom fix-xhieda tieghu jispjega kemm kien sorpriz illi t-telefonati tieghu man-namrata tieghu kienu qed jigu rekordjati bil-mohbi tieghu

Dan ta' l-attur huwa agir ghall-kollox inaccettabbli fl-ambitu familjari. Il-fatt illi wara dawk is-snin kollha ta' rekordjar klandestin l-attur jibbaza l-akkuza tieghu kontra martu ta' adulterju fuq frazi wahda illi dwarha l-konvenuta tat spjegazzjoni plawsibbli, huwa fih innifsu prova ta' kemm l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta ikkommettiet adulterju ma gietx ippruvata bl-ebda mod. In kontro-ezami l-attur jistqarr illi l-allegazzjoni tieghu dwar agir adulteru da parti ta' martu huwa bbazat biss fuq dik il-frazi uzata f'dik it-telefonata. Mistoqsi jekk l-akkuza ta' infedelta' hux qed jibbazaha fuq dik il-frazi jirrispondi "Jiena qed nibbazaha fuq dik."[7] Apparti li l-agir tal-attur f'dan ir-rigward huwa bizzejjed sabiex ikisser l-

[7] Fol. 302

aktar relazzjoni matrimonjali b'sahhitha, hemm konsegwenzi prettament legali li jitnisslu min-nuqqas da parti tal-attur li jressaq provi sodisfacenti dwar l-akkuza tieghu li martu kkommettiet adulterju.

Hija regola generali tad-dritt illi min jallega jrid jipprova. Dan huwa principju li gej mid-dritt Ruman – **Actori ncumbit onus Probandi -** u **- Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat -** Dan il-principju ta' dritt huwa sancit ukoll fil-ligi tal-procedura nostrana. **Artikolu 562 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta proprju jipprovdi illi : "*Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Gia' inghad illi fil-fehma tal-Qorti l-attur naqas milli jressaq provi sodisfacenti li jippruvaw l-l-allegazzjoni tieghu li martu kkommettiet adulterju. L-attur jghid li kien hemm kunfidenza zejda bejn martu u dan Catania izda anke hawn jonqos milli jressaq provi sodisfacenti fir-rigward. Ladarba irrizulta illi ghal numru ta' snin l-attur kien qieghed b'mod klandetin jirrekordja t-telefonati kollha li l-konvenuta kienet qed taghmel mid-dar, allura wiehed kien jistenna illi jekk l-attur kellu ragun isib provi tangibbli fir-rigward. Fin-nuqqas ta' provi tangibbli l-allegazzjoni u s-suspetti tal-attur jibqghu biss allegazzjonijiet mhux ippruvati u suspetti mhux sostanzjati. Kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza "**Catherine Bartolo vs. Joseph Bartolo**" moghtija fit-30 ta' Settembru 2011:-

"Illi kif gie diversi drabi ripetut mill-Qrati taghna, huwa difficli hafna li wiehed igib prova definittiva illi sar l-adulterju, u stante s-serjeta` tal-akkuza, min qieghed jallega l-adulterju jrid jipprova dan permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, li jridu jkunu precizi, gravi, konkordanti u univoci biex b'hekk ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."

Ma hux verosimili illi jekk verament kien hemm relazzjoni adultera bejn il-konvenuta u George Catania, ma jinstab xejn ta' sustanza matul sitt snin ta' rekordjar klandestin ta' telefonati bejn il-konvenuta u George Catania. L-attur kien jaf li kien ghaddej negozju bejn il-konvenuta u Catani. L-attur zamm relazzjoni tajba ma' George Catania anke meta n-nisa taghhom tlewmu bejniethom. Fil-fehma tal-Qorti lanqas tirrizulta ingurja gravi da parti tal-konvenuta minhabba t-telefonati bejnha u bejn l-imsemmi Catania.

Il-konvenuta min-naha taghha xhedet illi fil-prezent l-attur ghandu relazzjoni adultera ma' persuna maskili. Fix-xhieda taghha tispjega li llum il-gurnata zewgha jkun fil-kumpanija kontinwa ta' ragel iehor anke fil-hanut tal-laham li jiggestixxi u anke meta jmur fil-garaxx li

hemm mad-dar. Pero' anke hawn l-ebda prova tangibbli dwar adulterju ma resqet il-konvenuta rikonvenzjonanti.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser unikament tort tal-attur rikonvenzjonat minhabba li l-agir tieghu kif fuq spjegat jammonta ghall-eccezzi u ingurji gravi fil-konfront tal-konvenuta ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16

**Komunjoni tal-Akkwisti u Beni Parafernali**.

Id-dar matrimonjali fejn jabitaw il-partijiet u z-zewg uliedhom illum maggorenni hija parafernali tar-ragel. Il-konvenuta qed tippretendi li ghandha kreditu kontra l-attur ghall-kontribuzzjonijiet taghha fil-bini tad-dar. Tghid li kienet tghin lill-attur waqt il-kostruzzjoni taghha izda l-ebda prova tangibbli ma resqet fir-rigward. La pprezentat xi stima maghmula minn professjonist inkarigat *ex parte* u lanqas talbet in-nomina ta' espert gudizzjarju fir-rigward. Fil-fehma tal-Qorti l-pretensjoni tal-konvenuta ghall-hlas tax-xoghol fiziku li hija allegatament ghamlet fid-dar ma gietx sodisfacentement ippruvata u ghalhekk qed tigi respinta.

Jirrizulta pero' li waqt iz-zwieg ta' bejn il-partijiet id-dar kompliet tigi abbellita ghalkemm fi kliem l-istess konvenuta id-dar sallum ghadha lura milli tkun lesta ghal kollox. Matul iz-zwieg inxtraw ukoll diversi oggetti ghall-uzu fl-istess dar u thallsu minn fondi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti. Jirrizulta wkoll illi dejn li l-attur kien ghamel qabel iz-zwieg sabiex xtara l-art u bena l-binja thallsu matul iz-zwieg minn fondi tal-komunjoni.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta ghamlet riassunt tal-pretensjonijiet taghha dwar krediti minnha pretizi fil-konfront tal-attur:-

"Filwaqt li hemm qbil li l-art li fuqha hija mibnija d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tar-rikorrent 'l ghaliex il-kuntratt relattiv sar qabel iz-zwieg, madankollu l-pagamenti relatati mal-akkwist ta' din l-art kif ukoll dawk relatati mal-binja tal-istess saru fiz-zwieg u dan ghaliex sabiex inxtrat din l-art, ir-rikorrent issellef somma flus minnghand zitu Helen Micallef li llum hija nieqsa kif ukoll somma ohra minnghand missieru Michael B, liema self gie mhallas fiz-zwieg.

Ghal dak li jikkoncerna s-self ma' Helen Micallef giet pprezentata in atti kopja ta' skrittura privata datata 18 ta' Settembru 1990 (a fol 129) bhala prova tas-self li r-rikorrent ghamel ghall-ammont ta' €27,254. Ghalkemm dan id-dejn kien wiehed parafernali, dan gie mhallas permezz ta' diversi pagamenti li lkoll saru fiz-zwieg (ara ricevuti a fo1. 130-134) u ghaldaqstant l-esponenti ghandha nofs sehem indiviz tal-istess ammont li gie mhallas fl-intier tieghu fiz-zwieg. Sussegwentement, mal-mewt tal-imsemmija Helen Micallef, il-werrieta taghha riedu l-bilanc li kien ghadu dovut, u cioe' s-somma ta' €13,976, bl-imghax relattiv u dan ai termini ta' skrittura privata datata 25 ta' Ottubru 2008 (a fo1. 135-36), kif ukoll l-iskrittura datata 29 ta' Mejju 2007 u li permezz taghha dan id-dejn li sa dak inhar kien jammonta ghal €14,325 (Lm6150) gie mhallas totalment tul iz-zwieg minn flus tal-komunjoni (a fo1. 136). L-esponenti tirrileva wkoll li dan l-istess ammont thallas permezz ta' loan li r-rikorrenti ha mill-bank. B'hekk id-dejn parafernali relattiv ma' Helen Micallef thallas fl-intier tieghu fiz-zwieg.

Ghal dak li jirrigwarda d-dejn ma' missieru Michael B li originarjament kien jammonta ghal €11,857 (a fo1. 137), ghalkemm dan id-dejn ukoll sar qabel iz-zwieg hekk kif inhu evidenzjat mill-iskrittura datata 1 ta' Frar 1993, dan thallas wara z-zwieg minn flus tal-komunjoni. Dan sar permezz ta' zewg skritturi ohra privati datati 6 ta' April 1993 u 12 ta' Gunju 2003 rispettivament (a fol. 138-140) biex b'hekk baqa bilanc dovut ta' Lm2,590. Ghaldaqstant l-esonenti ghandha nofs sehem indiviz tal-ammont imhallas cloe' €5,823."[8]

Mill-provi mressqa jirrizulta illi d-dejn parafernali tal-attur li thallas minn fondi tal-komunjoni tal-akkwisti huma s-segwenti:-

| | | |
|---|---|---|
| Lm1,000.00 | 14/05.1991 | lil Helen Micallef (fol. 130) |
| Lm1,000.00 | 18.09.1995 | lil Helen Micallef (fol. 131) |
| Lm1,000.00 | 26.01.1998 | lil Helen Micallef (fol. 132) |
| Lm 500.00 | 14.05.2002 | lil Helen Micallef (fol. 133) |

[8] Fol. 317

| | | |
|---|---|---|
| Lm1,000.00 | 12.06.2003 | lil Helen Micallef (fol. 134) |
| Lm6,150.00 | 29.05.2007 | lill-eredi ta' Helen Micallef (fol.136) |
| Lm2,000.00 | 06.04.1993 | lil Michael B (fol. 138) |
| Lm 500.00 | 12.06.2003 | lil Michael B (fol. 140) |
| **Lm13,150.00 =** | **€30,626.35** | **Total.** |

Ghaldaqstant l-attur huwa debitur versu l-konvenuta fis-somma ta' **€15,313.17**

Fir-rigward ta' dejn iehor li sar matul iz-zwieg senjatament in konnessjoni ma' hanut li kien gie miftuh gewwa H'Attard u li l-gestjoni tieghu giet terminata wara ftit xhur, jirrizulta li dan id-dejn kien sar b'tentativ sabiex it-tifel tal-partijiet jibda jiggestixxi negozju. L-attur qed jitlob li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tikkumpensah dwar is-somma ta' €45,000 li kienu intefqu sabiex infetah dan il-hanut. Qed jitlob ukoll kumpens dwar somma ta' €30,000.00 li skond l-attur kellu jillikwida minn ma' Global Capital u dwar dejn ta' €11,000.00 ma' HSBC Bank.

Il-Qorti ikkunsidrat il-provi skarsi li tresqu fir-rigward u tikkondkludi illi ma jirrizultax fuq bazi ta' probabilita' li l-konvenuta hadet xi flus ghaliha izda in konnessjoni ma' negozju fl-interess ta' iben il-partijiet liema negozju jidher li falla wara ftit taz-zmien. Ghalkemm jista' jkun li l-attur ma kienx jaf bid-dettalji kollha ta' dak li kien qed isir pero' kien konsapevoli bil-pjanijiet ghat-twaqqif ta' dan in-negozju u fiz-zmien opportun ma jidher li ha l-ebda passi. Fi kwalunkwe kaz ma jirrizultaw l-ebda provi li l-konvenuta approprjat ghaliha xi flejjes li kienu tal-komunjoni. Ghaldqstant il-pretensjonijiet tal-attur fir-rigward qed jigu respinti.

Il-provi dwar kontijiet bankarji ma jurux li hemm xi depoziti ta' riljev. Ghalhekk ser tordna li flus li hemm depozitati jigu assenjati lil persuna li f'ismu il-kont bankarju huwa intestat.

**Manteniment.**

L-attur jiggestixxi hanut tal-laham flimkien ma' huh li kien gia' avvjat qabel izzewweg lill-konvenuta.

Il-konvenuta xhedet fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2014 illi ghandha impieg full-time.

Iz-zewgt itfal tal-partijiet illum huma maggorenni u jahdmu.

Ghalhekk l-ebda parti ma hi tenuta li thallas manteniment.

**Dar Matrimonjali**.

Id-dar matrimonjali hija parafernali tal-attur. Ulied il-partijiet illum huma maggorenni u ghandhom impieg fiss. Anke l-konvenuta llum il-gurnata ghandha impieg full-time u ghalhekk kapaci tmantni adegwatament liha nnifisha.

Ghaldaqstant ma jirrizultawx l-estremi sabiex tilqa' t-talba tal-konvenuta li tordna li fid-dar matrimonjali tibqa' tabita l-konvenuta ad eskluzzjoni tal-attur. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser taghti terminu ragjonevoli lill-konvenuta sabiex issib post residenzjali alternattiv,.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din ir-rikors guramentat tal-attur u l-kontro-talba tal-konvenuta u tiddisponi mill-eccezzjonijiet sollevati mill-partijiet bil-mod kif hawn taht qed jigi deciz:-

1. Tilqa’ parzjalment l-ewwel talba attrici u tilqa’ l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tiddikjara u tippronunzja d-divorzju ta’ bejn il-partijiet u dan minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-attur senjatament eccessi u ingurji gravi u tawtorizza lill-partijiet jghixu separatament minn xulxin.

2. Tichad it-tieni talba attrici u tilqa’ parzjalment it-tieni talba rikonvenzjonali billi tordna li l-attur qed jitlef id-drittijiet naxxenti mill-artikolu 631 tal-Kap. 16

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici u t-tielet talba rikonvenzjonali u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Tiddikjara illi d-dar matrimonjali u z-zewg garaxxijiet sottostanti jappartjenu fl-intier taghhom lill-attur. Tordna li kontijiet bankarji f’isem l-attur jigu assenjati lilu fl-intier taghhom u kontijiet bankarji f’isem il-konvenuta jigu assenjati lill-konvenuta fl-inteir taghhom. Il-vettura licenzjata f’isem l-attur qed tigi assenjata lilu filwaqt li l-vettura licenzjata f’isem il-konvenuta qed tigi assenjata lilha.

4. Tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta s-somma ta’ hmistax-il elf, tlett mija u tlettax-il ewro (€15,313) bl-imghax legali millum,

5. Tilqa’ parzjalment il-hames talba rikonvenzjonali u tikkoncedi lill-konvenuta sena zmien millum sabiex tibqa’ tirrisjedi fid-dar matrimonjali. Tordna ghalhekk lill-konvenuta sabiex tivvaka mid-dar matrimonjali sa mhux aktar tard minn sena millum.

6. Tordna illi sa mhux aktar tard minn sena millum il-partijiet jiddividu bejniethom il-mobbli li jinstabu fid-dar matrimonjali. Fin-nuqqas kull parti tkun tista’ titlob il-bejgh taht l-awtorita’ tal-Qorti tal-istess.

7. Tichad ir-raba talba attrici u r-raba talba rikonvenzjonali in kwantu ma hiex mehtiega.

8. Tichad is-sitt talba attrici u s-sitt talba rikonvenzjonali peress li l-mertu jinsab ezawrit.

9. Ticahd is-seba talba attrici, is-seba’, it-tmien, u l-ghaxar talba rikonvenzjonali u tilqa’ d-disa’ talba rikonvenzjonali.

10. Tilqa’ l-hdax-il talba rikonvenzjonali u tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha “Cremona”.

11. Tilqa’ t-tmien talba attrici.

Bl-ispejjez jigu sopportati in kwantu ghal erba’ kwinti (4/5) mill-attur u kwint (1/5) mill-konvenuta.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------